32005R1623

REGOLAMENT (KE) TAL-KUMMISSJONI Nru 1623/2005

ta' l-4 ta' Ottubru 2005

li jikkompleta l-Anness tar-Regolament (KE) Nru 2400/96 dwar ir-reġistrazzjoni ta' ċerti denominazzjonijiet fir-"Reġistru ta' l-ismijiet ta' l-oriġini protetti u ta' l-indikazzjonijiet ġeografiċi protetti" *(Tuscia)* - [AOP] u (*Basilico Genovese)* - [AOP]

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2081/92, ta' l-14 ta' Lulju 1992, dwar il-protezzjoni ta' l-indikazzjonijiet ġeografiċi u ta' l-ismijiet ta' l-oriġini tal-prodotti agrikoli u ta' l-oġġetti ta' l-ikel[1], u b'mod partikolari l-Artikolu 6(3) u (4) tiegħu,

Billi:

(1) F'konformità ma' l-Artikolu 6(2) tar-Regolament (KEE) Nru 2081/92, it-talbiet ta' l-Italja għall-irreġistrar taż-żewġ denominazzjonijiet "Tuscia" u "Basilico Genovese" ġew ippubblikati f'*Il-Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*[2].

(2) Ġaladarba l-Kummissjoni ma ġiet innotifikata bl-ebda dikjarazzjoni ta' oppożizzjoni konformi ma' l-Artikolu 7 tar-Regolament (KEE) Nru 2081/92, dawn id-denominazzjonijiet għaldaqstant għandhom jitniżżlu fir-Reġistru ta' l-ismijiet ta' l-oriġini protetti u ta' l-indikazzjonijiet ġeografiċi protetti",

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-Anness tar-Regolament (KE) Nru 2400/96 huwa kkompletat bid-denominazzonijiet li jidhru fl-Anness tar-Regolament preżenti[3].

---

(1) ĠU L 208, 24.7.1992, p. 1. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 806/2003 (ĠU L 122, 16.5.2003, p. 1).

2 ĠU C 229, 14.09.2004, p. 2 (Tuscia); ĠU C 259, 21.10.2004, p. 3 (Basilico Genovese)

Artikolu 2

Dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, 4 ta' Ottubru 2005.

Għall-Kummissjoni
Mariann FISCHER BOEL
Membru tal-Kummissjoni

[3] ĠU L 327, 18.12.1996, p. 11. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru Nru 1357/2005 (ĠU L 214, 19.8.2005, p. 6).

ANNESS

PRODOTTI TA' L-ANNESS I TAT-TRATTAT MAĦSUBA GĦALL-ALIMENTAZZJONI UMANA

Xaħmijiet (butir, marġerina, żjut, eċċ)

L-ITALJA

Tuscia (AOP)

Frott, ħaxix u ċereali friski jew ipproċessati

L-ITALJA

Basilico Genovese (AOP)